MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 321/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Sylvana Spiteri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' xi zmien bejn is-sbatax (17) ta' Lulju, 2009 u l-ewwel (1) ta' Awissu, 2009, mill-fond San Anton ta' Telghet il-Wardija, Wardija, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li ghandha, gieghelet bl-awtorita` taghha nnifisha lil xi had ihallas dejn, jew esegwiet obbligazzjoni, kienet li kienet, jew fixklet lil xi hadd u cioe` lil zewgha Patrick Spiteri fil-pussess ta' hwejgu u dan billi hadet xi pitturi li kienu fir-residenza matrimonjali taghhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju, 2010 fejn wara li

rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnha pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2010 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka is-sentenza appellate moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-30 ta' Gunju, 2010, u tillibera lill-imputata minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

i) Illi l-motiv uman tal-agir tal-imputata irrizulta ampjament mill-provi tal-kawza. L-imsemmi Patrick Spiteri illi kien qieghed jghammar mal-habiba tieghu, flimkien mal-wild komuni taghhom, f' appartament lussuz gewwa l-Imbordin, qieghed, b'disubbidjenza sfaccjata u aperta lill-Qorti tal-Familja, sistematikament jrendi l-hajja tal-imputata impossibbli. L-imputata, fdata kif inhi bit-trobbija ta' binha ma tistax tekonomizza indefinittivament billi t-tifel ghandu bzonnijiet illi ma jistghux jigu posposti. Propju biex taqdi dan l-obbligu, legali izda primarjament naturali taghha, l-imputata bieghet xi pitturi mid-dar.

ii) Illi lil hinn mill-mottiv tal-agir taghha hawn fuq brevement deskritt, l-impuatata tissottometti illi l-bejgh taghha tal-imsemmija pitturi ma jikkostitwix reat. Hija tissottometti illi l-materja hija wahda ta' indoli purament Civili u hija dixxiplinata mid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 1321 u 1322 tal-Kodici Civili. L-oggetti mibjugha minnha huma kommuni u huma inkluzi fil-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Spiteri. Fil-kors tax-xhieda tieghu Patrick Spiteri ipprova jaghti x' jifhem illi l-pitturi in parola huma parafrenali. Mitlub in kontro-ezami xi prova kellu ta' daqsekk (huwa ammetta per ezempju illi l-pitturi kienu gew assikurati izda haseb illi l-assikurazzjoni bdiet wara li zzewwg) huwa stqarr illi haseb illi tali porva ma kienetx important. Fl-assenza ta' prova, l-imsemmija oggetti jigu meqjusa illi jappartjenu lill-kommunjoni, l-istess oggetti setghu jigu liberament mibjugha miz-zewg konjugi

separatament, kif fil-fatt ghamlet l-imputata. Il-bejgh tal-imsemmija oggetti kien allura l-ezercizzju ta’ jedd civili. Tali ezercizzju qatt ma jista` jikkostitwixxi reat.

Ikkunsidrat,

Bejn l-appellanta u zewgha Patrick ghaddejjin proceduri ta’ separazzjoni personali u fil-kors ta’ dawn il-proceduri l-appellanta giet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tifel minuri. Zewgha, l-parti civili Dr. Patrick Spiteri gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta’ elf u hamsin Ewro (€1050) fix-xahar ghall-htigijiet ta’ l-appellanta u binha. Irrizulta illi bejn Gunju u Awissu 2009 Dr. Patrick Spiteri kien qieghed fl-esteru u ma kienx qed ihallas il-manteniment u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif ukoll htigijiet ohra illi kien obbligat li jaghmel bil-Qorti. Illi sabiex tmantni lilha nnifisha u l-imsemmi minuri l-appellanta bieghet xi pitturi li kienu jinsabu fid-dar konjugali. Meta Dr. Patrick Spiteri sar jaf b’dan l-akkadut ghamel rapport lil Pulizija illi l-appellanta hadet il-ligi b’idejha meta, kontra l-volonta` tieghu bieghet il-pitturi li kienu jinsabu fid-dar konjugali.

Fix-xiehda tieghu illi ta quddiem din il-Qorti Dr. Patrick Spiteri ikkonferma illi id-dar minn fejn ittiehdu l-pitturi kienet dik matrimonjali taghhom. Ikkonferma wkoll illi fiz-zmien li ttiehdu kien qieghed l-Italja u ghal xi raguni ma setax ikun lura Malta. L-appellanta u t-tifel taghhom Sebastian kellhom access ghad-dar konjugali. Il-pitturi li nbieghu kienu ta’ Evelyn Gibbs u Ana Grima u dawn kienu facilment identifikabbli. Kompla jghid illi huwa kien offra illi jbiegh dawn il-pitturi u r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs halli Spiteri jkun jista` jhallas il-manteniment.

Kontro ezaminat ikkonferma illi f’dawk ix-xhur ma kienx qed ihallas il-manteniment u li l-pitturi ta’ Ana Grima inxtraw fiz-zwieg.

Xehed ukoll l-Ispettur Edmond Cuschieri u kkonferma illi l-Avukat Dr. Patrick Spiteri kien ghamel rapport lilu ghax kienu naqsulu xi pitturi ta’ valur sostanzjali mid-dar matrimonjali tieghu u ssuspetta f’martu Sylvana. Baghat

ghaliha u rrilaxxat stqarrija fejn kienet qaltlu illi hija ma kellhix biex tghix peress illi zewgha ma kienx qed jaghtiha manteniment u kien ghalhekk illi bieghet xi pitturi. Qatt ma rrizultalu meta inxtraw dawn il-pitturi. L-Ispettur jghid ukoll illi huwa kien kellem lil Dr. Spiteri fuq dan il-kaz, kien staqsih ghal xi dokumenti pero` qatt ma gew.

Ikkunsidrat :
Ghal dawk illi huma l-elementi kostitwivi tar-reat ta' raggion fattasi l-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni a fol. 35 tal-process, f'liema nota saret ukoll referenza ghal kaz "benchmark" ta' l-Illustri Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et. Li giet ukoll ripurtata f'kawza ricenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Cortis deciza fis-27 ta' Novembru 2008. A skanz ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dawn il-gudikati u n-nota ta' sottomissjonijiet.
Hu ben saput li biex jissusisti r-reat ta' raggion fattasi iridu jezistu flimkien l-erba` elementi illi jikkostitwixxu r-reat u cioe`
a) l-att estern li jimpedixxi persuni ohra minn dritt li hi qed tgawdi, u li jkun sar bid-disens esplicitu` jew implicitu` ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jadixxi bi dritt;
c) ix-xjonza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak illi suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Il-problema li ghandha din il-Qorti hija dwar it-tielet element u cioe` illi l-appellanta qed tiehu b'idejha dak illi suppost kellha tiehu tramite process legali jew kif jghid il-Crivellari (il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato Vol. V1 Torino 1895 pagna 749) *"la persuazione di fare da se cio che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato".*

Il-pitturi kienu fid-dar matrimonjali fil-pussess tal-appellanta. Ma giex ippruvat meta l-pitturi inxtraw jekk hux qabel jew waqt iz-zwieg u ghalhekk tiskatta l-presunzjoni dwar l-akkwisti skond l-artikolu 132(1) tal-Kap. 16 illi jghid ***" il-beni kollha li mizzewgin ikollhom jew***

***parti minnhom ikollha, jietqisu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra."***

Din il-presunzjoni takwista aktar sahha bid-dikjarazzjoni tal-Avukat Patrick Spiteri quddiem din il-Qorti illi huwa kien offra illi jbiegh il-pitturi u jaqsmu r-rikavat bin-nofs sabiex huwa jkun jista` jhallas il-manteniment. Ovvjament li kieku dawn il-pitturi kienu parafernali ma kienx jaghmel din l-offerta u l-fatt illi jirrikonoxxi li r-rikavat seta` jinqasam nofs b'nofs aktar jitfa` piz fuq il-bilanc li jaqleb lejn it-tezi li l-pitturi kienu jappartjenu lil kominjoni tal-akkwisti.

Dak iz-zmien l-appellanta kienet f'diffikultajiet finanzjari serji kif jixhdu l-emails illi baghtet lil zewgha fiz-zmien in kwistjoni, fejn hija qed turih li ma kellhix flus bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha u lil binha u thallas il-kontijiet immedjati tad-dar matrimonjali principalment tad-dawl u l-ilma. Ovvjament dina hija sitwazzjoni serja u ma kienitx sostenibbli ghall-appellanta illi kellha tara x'taghmel sabiex izzomm bicca mil-livell tal-ghajxien li kienet imdorrija li jkollha, w ghalhekk iddecidiet, bhala mizura immedjata, li tbiegh xi pitturi li kien hemm fid-dar konjugali. Il-pitturi huma oggetti mobbli ta' certa valur izda mhux inestimabbli u ghalhekk jaqghu taht amministrazzjoni ordinarja tal-kominjoni. L-artikolu 132(2) tal-Kap. 16 jghid li "l-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti ....... imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga."

Il-partijiet ghad illi kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni kienu ghadhom mizzewgin u kwindi l-appellanta f'dawk ic-cirkostanzi kellha d-dritt illi tiddisponi minn dawk il-pitturi f'process ta' amministrazzjoni ordinarja sabiex tirkupra minn dik is-sitwazzjoni difficli illi kienet tinsab fiha, li wara kollox kien gabha l-istess parti civili l-Avukat Patrick Spiteri meta huwa naqas illi jonora l-obbligi tieghu ta' manteniment versu martu u ibnu.

Il-parti civili argumenta illi l-appellanta imissha adixxiet il-Qorti tal-Familja biex takwista l-permess sabiex tbiegh il-pitturi u mhux taqbad u tiddeciedi illi tbieghhom hi.

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Huma biss f'kazijiet ta' amministrazzjoni straordinarja fejn parti jkun mehtieg illi titlob sanzjoni tal-Qorti tal-Familja sabiex tagixxi. Naturalment li kieku l-pitturi kienu tali li kellhom valur storiku inestimabbli allura iva, dawna jaqghu taht mizuri straordinarji, izda dana mhuhix il-kaz. Bhal ma tiga` inghad jista jkun illi dawn il-pitturi gejjin minn artisti famuzi ghandhom valur pjuttost gholi pero` b'daqshekk ma jfissirx illi ma jaqghux taht amministrazzjoni ordinarja.

L-appellanta agixxiet imhabba s-sitwazzjoni illi kienet tinstab fiha u mhux b'kapricc. Allura hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-appellanta setghet liberament tiddisponi minn dawk il-pitturi minghajr ma tirrikorri ghal xi awtorizzazjoni minn Qorti kompetenti. Dana jfisser illi t-tielet element ma jinkwadrax ghar-reat ta' raggion fattasi u l-appellanta ma setghet qatt tinstab hatja ta' dan ir-reat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa` l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-30 ta' Gunju 2010, tiddikjara lill-appellanta mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u konsegwentement tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------